# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D.

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Appell Nru: 337/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Robert Vella)**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Omissis,**

**Kenneth Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra *ommisis* u l-appellant Kenneth Borg detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 310177 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar l-4 ta' Settembru 2010, għall-ħabta ta' nofs in-nhar ġewwa Triq il-Kbira, San Guzepp, il-Ħamrun ikkommettew serq ta' ċurkett tad-deheb minn ġewwa 'Patrick Jewellery', għad-dannu ta' l-istess sidien u cioe` Patrick Refalo u Rita Refalo minn B' Kara, liema serq

huwa kkwalifikat bil-valur u cioe` li jeċċedi €232.94 iżda li ma jeċċedix €2329.37, u dan bi ksur tal-artikolu 261 (c), u 267 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkustanzi, f' dawn il-Gżejjer, xjentament xtraw jew laqghu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b' kull mod ieħor li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom, liema oġġetti kienu ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix €2329.37 u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil Kenneth Borg wahdu :

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provvedimenti imposti fuqu ta' Art 7 u Art 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, datati, nhar il-14 ta' Marzu 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D u oħra datata 22 ta' April 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella LL.D;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanza, fil-perjodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella LL.D u li saret definittiva fit-22 ta' April 2008 u oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D u li saret definittiva fis-26 ta' Mejju 2009, għamilt reat li għalih hemm piena ta' priġunerija;

5. U aktar talli b' hekk fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sirt reċidiv b' sentenzi li saru definittivi mogħtija mill-Oorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D datata 8 ta' Ġunju 2007, u oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D datata 6 ta' Mejju 2009 u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Lulju, 2014, li permezz taghha, wara li rat l-Artikoli 17, 28 A, 28 B, 31, 42, 49, 50, 289 (1), 261 (c), 267, u 279 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lill-imputat Kenneth Borg hati, bhala recidiv, u bhala komplici fir-reat tas-serq kif migjub fl-ewwel imputazzjoni filwaqt illi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, dik ta` ricettazzjoni, stante li din inghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel, ikkundannatu komplessivament ghal sitt (6) snin prigunerija (72 xahar) komputati billi:

(a). dwar l-ewwel imputazzjoni (bhala komplici, u recidiv, fis-serq) - ghal tmintax-il xahar prigunerija;

(b). ghall-ksur ta` l-ordni mahrug bis-sentenza tal-14.03.2008 – tnax-il xahar prigunerija;

(c) sentejn prigunerija wara li ordnat li s-sentenza tat-22.04.2008 tibda ssehh –

(d) tmintax-il xahar prigunerija wara li ordnat li s-sentenza tas-26.05.2009 tibda ssehh –

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kenneth Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u b' dal-mod tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u piena u alternattivament li taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha processwali;

Rat ukoll il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita fuq ordni tal-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellant kif ukoll tal-abbli rapprezentant tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant adixxa lil din il-Qorti bl-aggravju singolari, apparti dak alternattiv, li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu fuq il-fatti akkolti u b'mod partikolari meta strahet fuq ix-xhieda tal-awtur tar-reat li ma kienet xejn konsistenti. Qabel kull konsiderazzjoni ohra ghalhekk jokkorri ezami approfondit tal-fatti sabiex din il-Qorti tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghalija;

2. Rita Refalo, sid flimkien ma' zewgha ta' hanut tal-gojjellerija gewwa l-Hamrun, xehedet illi fl-4 ta' Settembru 2010 ghall-habta ta' nofsinhar dahlet tfajla fil-hanut u talbitha turiha curkett, liema tfajla hija l-istess wahda li jumejn qabel ukoll kienet marret tara xi crieket. Wara li urietha aktar minn curkett wiehed, ix-xhud talbitha lura wiehed minnhom u t-tfajla bdiet tinsisti li qieghditu lura fil-kaxxa, izda dak ic-curkett ma nstabx u minkejja li s-sidien avzawha biex ma tohrogx mill-hanut hija telqet xorta wahda u s-sid baqghet timxi warajha biex tipperswadiha terga lura. It-tfajla, Miriam Caruana, insistiet li kellha tiltaqa' ma' ommha u ghalhekk baqghet sejra barra mill-hanut u s-sid baqghet targumenta maghha tul it-triq sakemm lahaq maghhom r-ragel tax-xhud u pperswadiha tmur lura fil-hanut. Huma u mexjin lura, bix-xhud warajhom fil-kaz li tarmi xi haga minn idejha, rat lill-Caruana tghaddi xi haga lill-persuna, allura l-appellant, li kien wieqaf jistrieh ma karozza u malli rat hekk talbitu jiftah idejh u rreagixxa billi beda joffendiha u jidghi. Hadet in-numru

tal-vettura u baqghet sejra izda hu baqa' wieqaf mal-karozza. Il-klijenti taghha imbaghad infurmawha li kien telaq;

3. Miriam Caruana, originarjament mressqa flimkien mal-appellant, kienet ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u inghatat sentenza wara li kien sar separazzjoni tal-gudizzju. Caruana ghalhekk tressqet bhala xhud mill-prosekuzzjoni u fix-xhieda taghha qalet li dakinhar ghall-habta ta' nofsinhar meta kienet fil-pjazza tal-Hamrun, l-appellant kien avvicinaha u staqsiha jekk rieditx tmur mieghu biex jixtru droga. Hi wiegbitu li ma kienitx ghadha tiehu droga izda kienet sejra tara takwistax xi haga u fil-kaz tghatih il-flus. Fid-deposizzjoni taghha, Caruana kkonfermat li kienet hadet dan ic-curkett u waqt li kienet eskortata mis-sid tal-hanut ghaddietu f'idejn l-appellant. Mehuda l-ghassa tal-pulizija, cemplet lill-appellant li fuq talba taghha gabilha c-curkett;

4. L-appellant, allura imputat, kien xehed illi dakinhar kien ghadu jattendi it-DETOX ghal-Methadone u Miriam Caruana offrietlu li twasslu meta waqfu hdejn kiosk gewwa l-Hamrun ghaliex qaltlu li kellha qadja u wara twasslu z-Zejtun hdejn it-tfajla tieghu. Hi halliet il-vettura taghha parkeggjata hdejn il-kiosk bic-cavetta gewwa fiha u baqa' jistenniha barra. Aktar tard giet hdejn il-karozza u telqet u wara cemplulu l-pulizija, mar bil-karozza ta' Caruana l-ghassa tal-Hamrun u minn gewwa fiha l-pulizija elevaw xi affarijiet taghha;

5. Dwar dawn il-fatti, l-ewwel Qorti ddikjarat li *"Ma hemm xejn fil-process li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli temmen il-verzjoni tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jlahhqu l-grad rikjest mil-ligi dwar ir-reita' ta' l-imputat"*. L-istess Qorti ghaddiet biex issibu hati ta' komplicita' fir-reat ta' serq. Bid-dovut rigward, din il-Qorti xejn ma thossha serena b'decizjoni ta' htija fil-komplicita tas-serqa mertu ta' dan l-appell;

6. Fir-reat ta' komplicita, f'dan il-kaz ta' serq, meta ma humiex daqstant lampanti illi kien hemm *a common design* bejn tnejn jew aktar min nies, it-tfittxija ghall-fatti hafna drabi hija diretta lejn fatti cirkostanzjali, il-komportament, u inferenzi mill-fatti kollha tal-kaz.

Miriam Caruana tressqet bhala xhud tal-prosekuzzjoni u kkonfermat mhux darba illi l-appellant ma kien jaf b'xejn dwar dak li kienet fi hsiebha taghmel, jigifieri li tmur tisraq dan ic-curkett. L-appellant nnega li kien miftiehem, sahansitra li kien jaf x'ser taghmel Caruana. Innega fl-ewwel u t-tieni stqarrija kif ukoll bil-gurament quddiem l-ewwel Qorti;

7. Kif jillustra l-Prof. A. J. Mamo – Lectures in Criminal Law pp 124 u 125, " *A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence";*

8. L-ewwel Qorti staqsiet b'mod skjett lill-Caruana: "*Imma intom kontu miftehmin biex tghamlu din il-bicca xalata?"* u Caruana wiegbet "*Jiena lil Kenneth ghedtlu ha mmur s'hawnhekk .... Jekk nakwista xi haga tal-flus nghatik xi haga".* Meta l-prosekuzzjoni staqsiet :"*Inti kont indikajtlu fejn kont se tmur?*, wiegbet: "*Le ma ghedtlux fejn sejra".* Riprodotta mill-prosekuzzjoni biex tara jekk tridx tibdel minn din il-verzjoni baqghet izzomm ferm din id-deposizzjoni. Issa, din il-Qorti tinnota illi meta l-Pulizija baghtu ghall-appellant, PS 1195 jghid illi kien l-istess appellant li kkonsenja c-curkett lill-Pulizija filwaqt illi PS201 jghid li hu gie bil-karozza ta' Caruana u c-curkett kien elevat minn taht is-seat tal-passiggier. Jghid ukoll b'mod partikolari illi appena l-appellant dahal l-ghassa beda jargumenta ma' Caruana u jghidilha "*x'ghamiltli, inti tfajtli xi haga fil-karozza*? ... *ghax jekk tfajtli xi haga jiena m'ghandix x'naqsam"*;

9. Tajjeb ghalhekk li tkun rikapitata dik il-parti tax-xhieda ta' sid il-gojjellerija li tghid illi l-appellant kien wieqaf qed jistrieh mal-vettura u fejn aktar tard tghid illi wara li Caruana avvicinatu u taghtu xi haga hu ma saqx il-vettura u li kienu il-klijenti taghha li

infurmawha li ftit wara kien telaq bil-vettura. Dan huwa fattur importanti ghaliex kif gia accennat din il-Qorti, ghar-ricerka tal-prova li kien hemm *a common design*, dan il-fattur kellu jkun konsiderat mill-ewwel Qorti bhala indikattiv ta' nuqqas ta' tali ftehim. Sid il-hanut kienet gia ghaddiet flimkien ma' Caruana minn quddiem l-appellant targumenta maghha. Sa dak il-hin l-appellant kien ghadu ma ghamel xejn u baqa' wieqaf hdejn il-vettura ta' Caruana. Meta regghu ghaddew minn quddiemu, Caruana tefghetlu xi haga minn idha ghall-idu u xorta wahda baqa' hemm. Wiehed kien jistenna li bhala komplici kien ikun pront fil-karozza lest biex isuq u jahrab minn fuq il-post meta dan ma kienx il-kaz. Sid il-hanut tghid illi Caruana bdiet tibghat xi messaggi minn fuq it-telefon taghha waqt li kienet qed targumenta maghha. Ghas-serhan tal-mohh, tistaqsi din il-Qorti ghaliex ma kienx ezaminat it-telefon ta' Caruana biex ikun accertat il-kontenut u d-destinatarju ta' dawn il-messaggi u jekk dan kien l-appellant;

10. Huwa fatt accettat illi sia Caruana kif ukoll l-appellant kienu qed jiehdu l-kura bil-Methadone. L-appellant, mistoqsi diversi drabi fl-interrogatorju tieghu qal li kien waqaf milli jiehu droga u ghalhekk ma kellux ghalfejn jixtri l-eroina. Hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qal li l-appellant kellu f'xi hin, la darba jabbuza mid-droga eroina, jittiehed ghall-kura. Huwa baqa fil-kustodja taghhom, arrestat u interrogat sakemm tressaq il-Qorti taht arrest. Dan il-fattur ukoll kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti aktar u aktar wara d-deposizzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation li kkoroborat dan il-fatt u li t-testijiet tal-urina tieghu huma kollha negattivi;

11. Illi l-prosekuzzjoni projettat stampa li l-appellant kellu bzonn jixtri d-droga eroina u ma kellux flus. Caruana ma kellhiex flus u ghalhekk pjanaw din is-serqa li minnha kienet ser tixtri l-eroina lill-appellant. Dawn kienu d-domandi imposti fl-interogazzjoni tal-appellant waqt li arrestat. L-Ispettur Prosekutur xehed illi Caruana kienet ikkonfermat mieghu li kien hemm pjan bejniethom biex issir din is-serqa. Minkejja dan, l-ewwel Qorti kellha biss quddiemha d-

deposizzjoni tal-istess Caruana li kkonfermat li l-appellant ma kienx jaf bl-intenzjonijiet taghha;

12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall-konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l-appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill-appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill-Qorti tal-ewwel grad;

13. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun milqugh u konsegwentement qeghda thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.